**M I N U T I**

**LAQGĦA STRAORDINARJA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA STRAORDINARJA NUMRU 57**

17 ta' Novembru 2022

Is-sebgħa u ħamsin (57) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 17 ta' Novembru 2022 fid-9.30am. Il-laqgħa nżammet virtwalment, permezz ta' Microsoft Teams.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

ASSENTI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 57.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

57.1.1. Is-Sindku qara l-ittra t'apoloġija tal-Kunsilliera SSH li nformat li ma tistax tattendi minħabba raġunijiet ta' saħħa. Il-Kunsill laqa' l-ittra t'apoloġija.

### 57.2 ESTENSJONI TAL-KUNTRATT TAL-ĠBIR TA' SKART DOMESTIKU MĦALLAT SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2022

57.2.1. Is-Sindku VB informa lill-Kunsill bil-kwistjoni relatata mal-ġbir ta' skart domestiku mħallat u nforma li l-kuntratt eżistenti skada fil-15 ta' Novembru 2022.

57.2.2. Huwa nforma li minħabba il-bdil fis-sistema ta' kif ser jibda' jinġabar l-iskart, li se jkun fuq bażi reġjonali, il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li joħroġ tender ġdid għal dan is-servizz u għaldaqstant talab lill-kuntrattur ikompli s-servizz sal-aħħar ta' Diċembru.

57.2.3. Is-Sindku preżenta kwotazzjoni min-naħa tal-kuntrattur, li tammonta għal €159.30 kull kollezzjoni, sal-aħħar ta' Diċembru 2022.

57.2.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-kwotazzjoni ta' WM Environmental Ltd. sal-aħħar ta' Diċembru 2022.

### 57.3 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

57.3.1. Il-laqgħa intemmet fl-10.00am u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2022 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2022**

| | |
|---|---|
| **(iffirmati)** | **(iffirmati)** |
| Vincent Borg<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Segretarju Eżekuttiv |